# FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 3 ta' April, 2025**

**Talba Nru: 326/2024MD**

**Vodafone Malta Limited Illum Epic Communications Limited (C 10865)**

**Vs**

**John Bellotti (ID 0187266M)**

## It-Tribunal,

Ra l-Avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fis-26 ta' Novembru, 2024[1] permezz ta' liema s-soċjeta' attriċi talbet li l-konvenut iħallas is-somma ta' sitt mija, ħamsa u erbgħin Ewro u għaxar ċenteżimi (€645.10) rappreżentanti servizzi reżi ta' telefonija ċellulari bil-kont bin-numru 1.11059687 fuq talba u a benefiċċju tal-konvenut; bl-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali 166A bin-numru 1989/2022, u bl-imgħax legali mid-data tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat bl-Avviż, ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher għas-seduti tat-18 ta' Marzu, 2025[2], u tat-28 ta' Marzu, 2025[3].

[1] A fol 1 et seq tal-proċess
[2] A fol 16 tal-proċess
[3] A fol 18 tal-proċess

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mir-rappreżentant legali tas-soċjeta' attriċi fis-seduta tat-18 ta' Marzu, 2025[4] u fil-fatt il-konvenut ma dehrx sabiex jirrispondi għalih għas-seduta tat-28 ta' Marzu, 2025[5].

Sema x-xhieda tal-PL Petra Licari li kkonfermat li l-ammont ta' sitt mija, ħamsa u erbgħin Ewro u għaxar ċenteżimi (€645.10) għadu dovut[6].

Ra li fis-seduta tat-28 ta' Marzu, 2025[7] it-Tribunal awtorizza lil konvenut żmien sabiex jippreżenta s-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub u l-konvenut naqset li jagħmel dan.

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ħa konjizzjoni taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tistħoqq li tkun emmnuta u għalhekk għandha tittieħed bħala mistqarra. Ulterjorment it-talba tirriżulta kkonfermata wkoll mill-fattura annessa mal-istess avviż li jindika l-bilanċ dovut għal-servizzi reżi in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija ċellulari bil-kont bin-numru 1.11059687 fuq talba u a benefiċċju tal-konvenut, u mix-xhieda tal-PL Petra Licari in rappreżentanza tas-soċjeta' attriċi, kif ukoll mill-affidavit ta' Dr. Jeremy Debono in rappreżentanza tas-soċjeta' attriċi[8].

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi jilqa' t-talbiet attrici billi jordna u jikkundanna lil konvenut iħallas is-somma ta' sitt mija, ħamsa u erbgħin Ewro u għaxar ċenteżimu (€645.10), bl-imgħax dekorribbli mill-1 ta' Jannar, 2021[9] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża u tal-ittra uffiċċjali bin-numru 1989/2022[10] jitħallsu unikament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Ġudikatur**

---

4 A fol 17 tal-proċess
5 A fol 18 tal-proċess
6 *Ibid*
7 *Ibid*
8 A fol 4 tal-proċess
9 Data skont l-aħħar fattura annessa mat-talba, a fol 5 tal-proċess
10 A fol 7 et seq tal-proċess